QORTI KOSTITUZZJONALI

# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA L-EWWEL PARTI QORTI KOSTITUZZJONALI

## 16 ta' Jannar, 1996

## Imhallfin:-

**S.T.O. Onor Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL. D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Generoso *sive* Jimmy Sammut

*versus*

Onor. Prim Ministru et.

## Appell - Nullita' - Digriet Interlokutorju - Xhud - Domanda - Rilevanza - Qorti - Diskrezzjoni

*Fil-kors ta' kawża għar-rimedju minħabba ksur ta' drittijiet fondamentali r-rikorrent ried ipoġġi domanda lil xhud li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili waqqfitu milli jagħmel. Ir-rikorrent appella minn dik l-ordni. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Fuq il-kwistjoni tan-nullita' ta' l-appell interpost mir-rikorrent il-Qorti osservat li r-rifjut ta' l-ewwel Qorti li tippermetti li ssir domanda lix-xhud kien digriet interlokutorju u għalhekk, salv l-emendi li bdew joperaw sussegwentement, kien appellabbli. F'tali materja pero' l-Qorti ta' tieni istanza ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti*

*ħlief għal motivi gravi u preċiżi li f'dan il-każ ma kinux jeżistu.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent Sammut minn ċaħda da parti ta' l-ewwel Qorti biex issir domanda partikolari lix-xhud Joseph Thorne u dana kif jirriżulta mill-atti tal-kawża skond verbal iddatat it-18 ta' Mejju, 1995 (a fol. 68-69 tal-proċess) meta l-Qorti *inter alia* ddeċidiet hekk, jiġifieri:

"Il-Qorti, billi t-talba m'għandhiex rilevanza għall-fini ta' dan ir-rikors (apparti raġunijiet oħra);

*Tiċħad it-talba*";

Meta ssejjaħ l-appell għall-fini ta' trattazzjoni deher biss id-difensur ta' l-intimati, l-Avukat Dottor Silvio Camilleri LL.D. Il-Qorti kkonċediet lill-partijiet li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom permezz ta' noti ta' osservazzjonijiet;

Rat l-atti kolha tal-kawża u senjatament is-sottomissjonijiet tal-kontendenti għall-fini, ta' dan l-appell u qiegħda tiddeċidi dwaru kwantu *segue*;

*L-appellati ssollevaw preliminarjament il-punt dwar jekk* effettivament kienx jeżisti tassew digriet u jekk setax isir appell mir-rikorrenti kif fil-fatt sar. Sostnew għalhekk li l-proċeduri kollha ta' l-appell *de quo* huma irriti u nulli;

Il-Qorti hija tal-fehma li ankorke' l-liġi tagħna dwar appell minn digrieti interlokutorji issa saret aktar ristretta in forza ta' emendi

fil-liġi tal-proċedura, pero' tosserva li dawn l-emendi ġew fis-seħħ mill-1 ta' Ottubru, 1995 'il quddiem. Dan magħdud, jirriżulta li għalkemm inkorporat bħala parti minn verbal tal-Qorti, dak li effettivament iddeċidiet il-Qorti meta ċaħdet it-talba tar-rikorrenti li ssir domanda kif hemm riportata kien jammonta għal digriet interlokutorju, li minnu qabel seta' jsir appell. Għalhekk ma jidhirx li huwa każ ta' nullita' kif ġie sottomess preliminarjament mill-appellati;

Illi dwar il-meritu ta' l-appell, dina l-Qorti dejjem irriteniet li kemm jista' jkun ma tindaħalx bla bżonn u ma tiddisturbax id-diskrezzjoni adoperata mill-ewwel Qorti fil-kors tas-smigħ tal-kawża quddiemha, jekk mhux għal raġuni jew raġunijiet serji, gravi jew eċċezzjonali;

Wara li qieset il-fattispeċje kollha tal-każ, kif ukoll espressi fis-sottomissjonijiet tal-partijiet, ma jidhrilhiex li hemm lok għal xi varjazzjoni f'dak li ġie ddekretat mill-ewwel Qorti. Ir-rikorrenti, jekk jidhirlu li jkun opportun, għandu jitlob lill-ewwel Qorti biex tirreġistralu formalment id-domanda li ried jistaqsi lix-xhud u li din ġiet miċħuda (ħaġa li *del resto* tidher li ġa' saret) u tenut kont li d-domanda ġiet meqjusa bħala waħda rrilevanti għall-kawża, u din il-Qorti frankament ma sabet ebda raġuni biex tiddeċidi mod ieħor, tiddeċidi ukoll illi d-domanda m'għandhiex isir lix-xhud in kwistjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiċħad l-appell interpost mir-rikorrenti Sammut bl-ispejjeż kontrih u tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem l-ewwel Qorti għall-

fini ta' kontinwazzjoni.